MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1298/2003

Kawza fil-lista: 29

**A B**
**vs**
**C D nominata kuratrici ad litem biex tirrapprezenta lill-assenti E F**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici A B u l-assenti E F zzewgu fis-sbatax (17) ta’ Ottubru 1998;

U premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali

taghha, li, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

U premess illi l-kunsens tal-konvenut assenti inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

U premess illi l-kunsens tal-konvenut assenti ghal dan iz-zwieg inkiseb u gie marbut ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;

U premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet hu null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant jghid il-konvenut assenti ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tas-sbatax (17) ta' Ottubru 1998 fuq imsemmi huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut assenti li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li n-naha konvenuta ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici, il-lista tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut assenti fis-17 ta' Ottubru 1998 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-

partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d], u dak tal-konvenut fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina maltija, izzewget lill-assenti, cittadin sirjan, bir-rit civili fis-17 ta’ Ottubru 1998 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa sena. Wara circa sitt xhur ta’ konvivenza matrimonjali l-assenti telaq lejn pajjizu u ma rritornax lura. Minn dan iz-zwieg ma twildux tfal.

Illi l-attrici tispjega li “Huwa kien qalli li xtaq jibqa’ hawn Malta, u li ha grazzja mieghi. Jien ukoll hadt grazzja mieghu. Minhabba problema tal-visa, hu kellu ghaggla biex jizzewweg biex ikun jista’ joqghod hawn Malta….. Wara xi xhur xtaq imur jara lil familtu u jien ma sibtx oggezzjoni, pero’ r-ragel ma regghax gie lura. Hu m’ghamilx kuntatt mieghi.”[1]

Fid-deposizzjoni taghha, l-attrici tispjega li l-konvivenza matrimonjali bejniethom damet sitt [6] xhur, u wara li l-konvenut telaq lejn pajjizu, hija ma ratux aktar u tilefet il-kuntatt minn mieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti hija tal-fehma li f’ dan il-kaz jirrizulta manifest pruvat il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat, da parti tal-konvenut assenti li, ghalkemm esternament, u ghall-iskopijiet tieghu, ghaddha minn cerimonja ta’ zwieg civili ma’ l-attrici, huwa, b’ att posittiv tal-volonta’ tieghu eskluda l-konvivenza matrimonjali bazata fuq unjoni permanenti. Mill-provi jirrizulta li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, dana ma kellux l-intenzjoni li jghix ghal dejjem fil-hajja konjugali ma’ l-attrici.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

[1] Aff. Fol.21

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-17 ta’ Ottubru 1998. L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut assenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------